# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum il-15 t'Ottubru 2019**

Appell numru 66 tal-2017

**Il-Pulizija**
**vs**
**Justin CAMILLERI**

Il-Qorti :

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-1 ta' Frar 2017 fil-konfront ta' Justin CAMILLERI, karta tal-identita bin-numri 511581M fejn ġie mixli talli:
    1. Fit-28 ta' novembru 2015 għall-ħabta tat-15:25 waqt li kien fl-inħawi ta' Wied is-Sewda, limiti ta' Ħaż-Żebbuġ waqt li kien qiegħed jonsob jew jikkaċċa kellu fil-pussess tiegħu ***bird caller*** bi ksur tar-regolament 7(2) tal-Liġi Sussidjarja 504.71
    2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ikkaċċja jew ipprova jikkaċċja, jieħu jew jipprova jieħu xi għasfur billi uża armi semi-awtomatiċi jew awtomatiċi ċjoe senter ta' l-għamla Luigi Franchi bin-numru serjali T-23210 b'kompartiment tal-iskrataċ li kapaċi jżomm iżjed

minn żewġ tiri ta' munizzjon u dan bi ksur tar-regolament 7(1)(k) tal-Liġi Sussidjarja 504.71;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ikkaċċja jew ipprova jikkaċċja, jieħu jew jipprova jieħu xi għasfur billi uża xi sors ta' dawl artifiċjali, mirja, apparat li jitfa' dawl fuq xi oġġett jew apparat li jgħin biex wieħed jara meta jispara bil-lejl li jkun fih apparat elettroniku li jkabbar jew jikkonverti x-xbiha u dan bi ksur tar-regolament 7(1)(c) tal-Liġi Sussidjarja 504.71

2. Permezz tas-sentenza aktar il-fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba u semgħet il-provi prodotti u rat l-atti kollha tal-kawża kontra l-appellant, rat ir-regolamenti 7(1)(c), 7(1)(k) u 7(2) tal-Liġi Sussidjarja 504.71, filwaqt li sabet lill-imputat appellant mhux ħati tat-tielet imputazzjoni u minnha lliberatu minn kull ħtija u piena, mill-banda l-oħra sabet lill-istess appellant ħati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet dedotta kontrih u kkundannatu għal multa ta' elf euro (€1000) u ssospendietlu l-liċenza għal perjodu ta' sentejn.

3. Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti Justin CAMILLERI li jġib id-data tat-13 ta' Frar 2017 fejn issolleva s-segwenti aggravji (in suċċint):

   a. illi l-Prosekuzzjoni ma laħqitx il-livell ta' prova mistennija minnha;
   b. illi għamlet interpretazzjoni żbaljata tal-Liġi; u
   c. illi l-piena inflitta kienet waħda esaġerata u sproporzjonata mar-reat li tiegħu ġie misjub ħati.

4. Illi din il-Qorti kellha terġa tisma' mill-ġdid ix-xiehda tal-Ispettur Jurgen Vella kif ukoll tal-imputat appellant peress li x-xiehda quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma kienetx traskritta.

5. Illi mix-xiehda tal-Ispettur Jurgen Vella irriżulta s-segwenti : -

> Dak iż-żmien kont qed nagħmel ir-ronda flimkien ma' PC177 Roberto Magro u PC798 li llum il-ġurnata m'għadux fil-korp tal-pulizija, rigward kaċċa. Ngħid li dak iż-żmien kien żmien ta' kaċċa fuq il-pluvieri u meta konna qed nagħmlu r-ronda ġewwa Wied is-Sewda Ħal Qormi konna nnutajna persuna li kienet qed tiskariga s-senter b'mod mgħaġġel appena kien rana resqin lejh. Il-pulizija PC798 u jien – għax PC711 kien qed isuq – ersaqla lejn u sibna li l-arma li kien qed juża l-appellant u hawnhekk qed nagħraf wiċċ l-appellant, l-ammont ta' ammunizjon kien aktar milli suppost. Konan qed narawh b'mod mgħaġġel jipprova jdaħħal il-ħadida ġol-arma liema ħadida suppost iżżomm mill-arma milli tieħu aktar minn tlett iskrataċ. Konna għamilnilu tfittxija fuqu, fuq il-persuna tiegħu u konna sibnilu ukoll tape recorder tal-għasafar tal-pluvieri. It-tfittxija kienet imbagħad issoktat fil-vettura tiegħu li kienet qiegħda viċin u minn hemmhekk konna sibna ukoll aktar bird callers u konna sibna ukoll xi search light li kellha bracket u battery żgħira u kellha sling li seta' jiġi nnutat li din kienet qed tintuża ukoll għal xi kaċċa bil-lejl. Niftakar li konna ħriġnilu rċevuta għall-affarijiet, għall-bird callers li konna sibna u din is-searchlight u konna infurmajnih li se jinħarġu akkużi fil-konfront tiegħu. Dak li niftakar.
> Dr G Camilleri Busuttil: Ma nafx jekk indikajt id-data.
> Xhud: Id-data kienet 28 ta' Novembru 2018 għall-ħin tat-3:25pm.
> Dr G Camilleri Busuttil: Bħala lokalità fejn kontu?
> Xhud: Wied i-Sewda limiti ta' Ħaż-Żebbuġ. Bejn Ħaż-Żebbuġ u Ħal Qormi.
> Dr G Camilleri Busuttil: Int semmejt il-bird callers. Fejn kienu qegħdin?
> Xhud: Bird caller kien eżatt biswitu u aħna konna ersaqna lejn dik l-area minħababl-fatt li konna qed nisimgħu bird caller mixgħul u kien qed jinstema' mhux ħażin u konna ersaqna. Imbagħad appena ersaqna dan il-bird caller, bdejna ninnutaw lil dan il-persuna li mbagħad ġie stabbilit li kien l-appellant li kien qed ibattal is-senter u jipprova jdaħħal ħadida ġos-senter.

6. Mill-affidavit ta' PC798 Anthony Camilleri irriżulta li fid-data, ħin u lok indikati fil-komparixxi, kien hemm l-imputat li kien qiegħed għall-kaċċa b'senter f'dura fejn x'ħin ra l-vettura tal-Pulizija raħ jiskarga s-senter mill-iskrataċ. Hu u l-kollegi tiegħu niżlu mill-vettura tal-Pulizija li kienet xi għaxar metri bogħod mill-appellant. Dax-xhud raħ jipprova jdaħħal il-virga tal-ħadid fil-kompartiment

tas-senter biex is-senter jerġa jiġi jieħu żewġ skrataċ. Mill-verifika tas-senter irriżulta li dan kien jieħu aktar minn żewġ skrataċ fl-istess ħin. Irriżultalu wkoll li **fuq il-ħajt tad-Dura** li kien fiha l-appellant kien hemm ***bird caller*** tal-marka *Mundi Sound*. Dan ġie elevat. L-appellant kellu l-vettura tiegħu parkeġġjata xi ħames metri l-bogħod. Saret tfitxija fil-preżenza tal-appellant f'din il-vettura, u fiha nstabu ***bird caller*** ieħor, speaker aħdar, battery kif ukoll *search light* li teħel mas-senter.

7. Mill-affidavit ta' PC711 Roberto Magro irriżulta li fid-data, ħin u lok indikati fil-komparixxi, kien hemm l-imputat li kien qiegħed f'dura għall-kaċċa b'senter f'idu. X'ħin dan ra l-vettura tal-Pulizija dan ix-xhud ra lill-appellant ibaxxi s-senter u beda jiskargah mill-iskrataċ. Hu u l-kollegi tiegħu niżlu mill-vettura tal-Pulizija li kienet ftit metri bogħod mill-appellant u ra lill-appellant jipprova jdaħħal il-virga tal-ħadid fil-kompartiment tas-senter. Mill-verifika tas-senter li saret fuq il-post irriżulta li dan kien jieħu aktar minn żewġ skrataċ fl-istess ħin. Dan ix-xhud jgħid ukoll li **fuq il-ħajt tad-Dura** li kien fiha l-appellant kien hemm ***bird caller*** ta' kulur aħdar tal-marka *Mundi Sound*. Dan ġie elevat. L-appellant kellu l-vettura tiegħu parkeġġjata xi ħames metri l-bogħod. Saret tfitxija mill-Ispettur Vella fil-preżenza tal-appellant f'din il-vettura, u fiha nstabu ***bird caller*** ieħor tat-tip Lock Vogel, speaker aħdar, żewġ casettes, battery ta' mutur żgħira kif ukoll *search light* li teħel mas-senter.

8. Minn naħa tiegħu l-appellant xehed li fid-data, ħin u lok imsemmija fil-komparixxi huwa kien qiegħed f'Wied is-Sewda. Huwa qam bil-

wieqfa meta l-Pulizija kienu waslu miegħu u li kieku ma qamx il-Pulizija l-anqas kienu jintebħu bih. L-appellant saħaq għal aktar minn darba li l-*bird callers* kienu t-tnejn fil-karozza. Mill-karozza tal-Pulizija ħarġu żewġ aġenti u mhux tlieta għax wieħed minnhom kien qiegħed isuq. Dawn marru fuqu. Igħid hekk : -

> F'dak il-mument jien ma kellix biżgħa jew xi ħaġa li nurihom li jien qed nagħmel xi ħaġa ħażina. L-arma kienet indikata fuq ismi, kienet qed tieħu tlett iskrataċ, il-ħadida kienet ġo postha u saqsewni biex niskarga. **<u>Jien skargajt u tlett iskrateċ kelli u tlett iskrateċ ħarġu</u>**. L-ispettur qed jallega li kien hemm iżjed.[1]

9. Minbarra ż-żewġ *bird callers*, fil-vann kellu wkoll *searchlight* u *battery* ta' mutur kif ukoll *spotlight*. L-appellant tenna li peress li kien żmien il-klamari, dawk id-dwal kien jużahom għas-sajd tal-klamari. Hemmhekk kellu wkoll il-qasba. Is-*searchlight* ma kienx armat għall-pluvieri. L-appellant tenna li l-bird callers li kellu fil-karozza huwa setgħa jżommhom. Jisħaq li :

> Jien kont sejjer insewwihom dawk. Jien delettant tal-għasafar u nagħmel breeding tal-verduni u m'hemm l-ebda liġi li tgħidli li f'dari jien ma nistax nużah. Id-dar nista' nużah. La ovvjament jien nista' nixtrih, id-dar nista' nużah.

***Ikkunsidrat : -***

10. Il-funzjoni u s-setgħat ta' din il-Qorti, (f'dan il-każ bħala Qorti li tisma' appelli minn sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati), ġew spjegati f'diversi sentenzi, fosthom fis-sentenza ***Ir-Repubblika***

[1] Enfażi miżjuda.

***ta' Malta vs Emanuel Zammit*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[2] fejn intqal:-

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

---

[2] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

11. B'hekk anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, ċjoe li terġa tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le qabel xejn teħodha l-Qorti tal-Maġistrati li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali u tasal għall-konklużjonijiet tagħha wara li tkun qieset kollox.[3]

12. Din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell Kriminali twettaq id-dmir ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, il-Qorti tal-Maġistrati, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiemha, setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Huwa minħabba f'hekk u biex tilħaq dan l-għan li din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell tagħmel l-apprezzament tagħha tal-provi prodotti quddiem dik il-Qorti.

13. Bosta drabi l-fatti li joħorġu mill-provi mhux dejjem ikunu jaqblu ma xulxin. Anzi ġieli jkun hemm xiehda li jgħidu bil-maqlub ta' xulxin. Għalhekk din il-Qorti trid tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali

---

[3] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati u dan għaliex jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza jekk ma jkunx hemm raġuni valida.

14. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.

***Ikkunsidrat : -***

15. L-ewwel aggravju li tressaq mill-appellant f'dan il-każ huwa li l-Prosekuzzjoni ma laħqitx il-livell tal-prova mistennija minnha. Din il-Qorti ma taqbilx ma dan l-argument. Il-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tistrieħ fuq dak li xehdu l-Aġenti tal-Pulizija kemm bl-affidavit kif ukoll l-Ispettur Vella *viva voce*. F'dan il-każ ix-xiehda tal-Pulizija kienet ċara u korroborata.

16. Il-verżjoni tal-Pulizija kienet ċara kristallina fis-sens li l-appellant kien qiegħed jiskarga s-senter tiegħu u li kellu aktar minn żewġ tiri

ta' munizzjon fis-senter. Dan fil-fatt huwa korroborat ukoll mix-xiehda tal-appellant meta huwa stess saħaq li kien ***jien skargajt u tlett iskrateċ kelli u tlett iskrateċ ħarġu***.

17. Apparti minn hekk għalkemm l-appellant baqa jinsisti li ż-żewġ *bird callers* li kellu kienu t-tnejn fil-vann tiegħu, il-Pulizija kollha saħqu li raw *bird caller* minnhom fuq il-ħajt tad-dura.

18. Rinfaċċjata b'dawn il-provi, il-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal li temmen lill-Pulizija u li fuq dik ix-xiehda tasal għall-konklużjoni tagħha. L-ewwel aggravju sejjer għalhekk jiġi miċħud.

19. Illi t-tieni aggravju huwa fis-sens li l-Qorti tal-Maġistrati għamlet interpretazzjoni żbaljata tal-ipoteżi tal-Liġi. Il-Qorti tal-Maġistrati, kif setgħet legalment u raġonevolment tagħmel, emnet il-verżjoni tal-Pulizija li biswit fejn l-appellant kien qiegħed għal-kaċċa hemm *bird caller*. L-appellant stess ammetta in kontro-eżami li huwa kien fuq il-post biex jikkaċċa. Biswietu il-Pulizija sabu *bird caller* li tiegħu taw ukoll id-dettalji – tal-marka *Mundi Sound* ta' kulur aħdar. Apparti minn hekk mix-xiehda tal-Ispettur Vella irriżulta li huma resqu fl-area fejn kien hemm l-appellant għaliex kienu ġew attratti mill-ħoss ta' *bird caller*, li kien jinstema' ġej mid-direzzjoni fejn kien hemm l-appellant jikkaċċja. Bażata fuq l-assjem ta' dawn il-provi din il-Qorti ma ssibx li l-Qorti tal-Maġistrati għamlet interpretazzjoni żbaljata tal-ipoteżi tal-Liġi. Dan l-aggravju għalhekk sejjer ukoll jiġi respint.

20. L-aħħar aggravju jitratta l-piena li ġiet inflitta. Issa l-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett:-

(a) Retributtiv;
(b) Preventiv; u
(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena

L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi moralment is-sitwazzjoni għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara bil-kommissjoni tar-reat. Il-ħati jrid jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' soċjali.

L-effett preventiv għalhekk huwa dupliċi : wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali.

L-aspett preventiv ġenerali tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ is-soċjeta, dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha **<u>qabel</u>** ma twettaq l-att kriminuż. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu.

L-aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa' jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk is-soċjeta titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lis-soċjeta milli tiddeżisti; għaliex jekk tiddelinkwi mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għas-soċjeta li tibda tiddelinkwi. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-paċi u trankwillita tal-istess soċjeta, u f'ċerti ċirkostanzi saħansitra għall-eżistenza tagħha jew ta' membri fostha. Is-soċjeta allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tal-istess kollettivita. Altrimenti, il-kollass.

Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għas-soċjeta in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, billi jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas-soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.

F'dawn il-proċeduri t'appell, il-Qorti trid tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-piena komminata minnha, jekk il-piena inflitta minnha kienet taqa' fil-parametri legali u jekk kienetx żbaljata fil-prinċipju jew kienetx manifestament eċċessiva.

Il-piena inflitta kienet bażata fuq ir-regolamenti u kienet ukoll taqa' fil-parametri stabbiliti mir-regolamenti u għalhekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal għaliha u timponi lilha f'dan il-każ.

Tibqa' l-kwistjoni jekk il-Qorti tal-Maġistrati kienetx żbaljata fil-prinċipju jew erogatx piena li kienet manifestament eċċessiva. Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet ***The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek*** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926)

> 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2]
>
> This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

21. Fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, il-Qorti tqis li l-piena ma kienetx waħda li kienet ħażina fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. F'dan il-każ, is-sospensjoni tal-liċenza hija waħda tassattiva ma' sejbien ta' ħtija u l-Qorti ma tista' tagħmel xejn dwar din il-konsegwenza. Dan l-aggravju għalhekk qiegħed jiġi miċħud.

# *Deċide*

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qegħda tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

***Aaron M. Bugeja***

***Imħallef***